# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tas-6 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Elton Taliana)**
**vs.**
**Andrew Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Andrew Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' nru. 647582M fejn ġie mixli talli fid-19 ta' Ġunju 2014 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa Ħal-Lija u f'dawn il-Gżejjer (in suċċint) :

1. Iffalsifika att li fih hemm digriet jew ordni ta' xi Qorti, Imħallef, Maġistrat jew Uffiċjal Pubbliku bi ksur tal-artikolu 170(1) tal-Kodiċi Kriminali;

2. Xjentement għamel użu minn dan l-att bi ksur tal-artikolu 170(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li fil-każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tas-sitta (6) ta' Frar 2019 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li d-Difiża ddikjarat li kienet qegħda teżenta lil Prosekuzzjoni mill-obbligu li terġa tressaq il-provi f'dan il-każ;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat ukoll li matul l-istess seduta d-Difiża ddikjarat li ma kellhiex provi x'tipproduċi u li l-imputat ma kienx ser jagħti x-xhieda tiegħu;

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża:

***Ikkunsidrat :-***

Illi f'dan il-każ il-provi tal-Prosekuzzjoni jikkonsistu fix-xiehda tal-Maġġur John Mary Camilleri u fid-dokumenti li ġew eżebiti minnu. L-Ispettur Elton Taliana ippreżenta wkoll dokument li kien suppost id-dokument inkriminat.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-kwadru probatorju, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

# *DEĊIDE :*

Li wara li rat l-Artikolu 170 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil Andrew Bezzina, mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

***Mogħtija illum is-6 ta' Frar 2019 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***